

Rapport Annwali 2011

Sommarju eżekuttiv

Kelmtejn qabel mill-President



Sommarju eżekuttiv

Ir-Rapport Annwali 2011 tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) jipprovdi rendikont tal-attivitajiet u l-kisbiet tal-Awtorità fl-ewwel sena tal-eżistenza tagħha. L-EBA twaqqfet fl-1 ta' Jannar 2011 b'reazzjoni għal sejħa għal qafas regolatorju u superviżorju aktar integrat fl-Unjoni Ewropea. L-EBA, flimkien mal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali, iż-żewġ Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE) l-oħrajn, l-EIOPA u l-ESMA, il-Kumitat Konġunt u l-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS), hija parti mis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji (SESF) ġdida.

Ir-Regolament li jstabbilixxi l-EBA inkariga lill-Awtorità b'firxa wiesgħa ta' kompiti minbarra dawk li wirtet mingħand il-predeċessur tagħha, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE), li fl-aħħar mill-aħħar kollha għandhom l-għan li jippriservaw l-istabbiltà finanzjarja u li jiżguraw il-fiduċja fis-sistema finanzjarja b'mod ġenerali, kif ukoll li jipprovdu protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji. L-EBA bdiet l-attività tagħha b'pass mgħaġġel ħafna. Kif irrimarka l-President tagħha fir-rimarki introduttorji tiegħu, l-EBA "bdiet topera f'ambjent tas-suq diffiċli u negattivi mhux ħażin, tant li minnufih kellha tiffaċċja għadd ta' sfidi ewlenin. Ma kienx faċli għalina li niffokaw fuq il-bini ta' organizzazzjoni ġdida waqt li fl-istess ħin nindirizzaw sfidi kbar għall-istabbiltà tas-settur bankarju".

Il-prijoritajiet u l-attivitajiet tal-EBA, stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma tagħha għall-2011, kienu jkopru tliet oqsma ewlenin: **Ir-Regolazzjoni**, **I-Analiżi tar-Riskju** u **I-Operazzjonijiet**, bil-għan li tiġi stabbilita l-funzjoni tal-Awtorità li tirrigwardja **I-Protezzjoni tal-Konsumaturi**.

Fl-isforzi regolatorji tagħha, l-EBA ffokat il-ħidma tagħha fuq it-tqegħid tal-pedament għall-hekk imsejħa Ġabra Unika tar-Regoli Ewropej, sett komuni ta' regoli armonizzati b'mod sħiħ li sejrini ikunu vinkolanti u direttament infurzabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE. Dan huwa komputu kbir ħafna, minħabba li fis-sena li ġejjin mistennija jiġu ffinalizzati aktar minn 100 standard tekniku vinkolanti u sal-1 ta' Jannar 2013 mistennija jiġu ppubblikati madwar 40 standard. Matul l-2011, l-EBA ħejjiet il-bażi għall-iżvilupp ta' bosta standards tekniċi vinkolanti dwar oqsma ewlenin bħall-fondi proprji u l-likwidità fuq il-bażi tal-proposti tal-Kummissjoni Ewropea dwar is-CRDIV/CRR ta' Lulju 2011. Minbarra din il-ħidma preparatorja fuq l-istandards vinkolanti, l-EBA issoktat bl-abbozzar ta' linji gwida li jkopru aspetti differenti tas-CRDIII, bħall-governanza interna, l-estensjonijiet u l-bidliet fl-Approċċ ta' Kejl Avvanzat (AMA), l-eżerċizzji ta' ġbir ta' dejta dwar ir-rimunerazzjoni, il-Valur fir-Riskju Taħt Stress (VaR taħt Stress) u l-Allokazzjoni Kapitali tar-Riskji Inkrementali ta' Inadempjenza u Migrazzjoni (IRC).

Fil-qasam tal-Analiżi tar-Riskju, il-prijoritajiet iffokaw primarjament fuq l-isfidi kkawżati mid-deterjorament tal-ambjent tas-suq finanzjarju fl-Ewropa. Minbarra dan, l-EBA kompliet bil-monitoraġġ, il-valutazzjoni u l-analiżi regolari tagħha tar-riskji u l-vulnerabbiltajiet tas-settur bankarju tal-UE. Barra minn hekk, l-EBA żiedet l-isforzi tagħha biex tippromwovi l-kooperazzjoni effiċjenti u effikaċi bejn l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-qasam tas-superviżjoni bankarja, permezz ta' ħidma ta' politika u parteċipazzjoni attiva fil-kulleġġi tas-superviżuri.

Komponent ewlieni tal-attivitajiet tal-Analiżi tar-Riskju fl-2011 kien l-eżerċizzju tat-test tal-istress fl-UE kollha, li twettaq fuq kampjun ta' 91 bank bl-użu ta' xenarju avvers wieħed u metodoloġija konsistenti. Dan l-eżerċizzju wera li kien inċentiv b'saħħtu ħafna għall-banek involuti minħabba li dawn spiċċaw ħadu azzjonijiet konsiderevoli biex jevitaw li jaqgħu taħt il-valur referenzjarju ta' 5% CT1 u żiedu madwar EUR 50 biljun f'kapital ġdid matul l-ewwel erba' xhur tal-2011 b'antiċipazzjoni sabiex jilħqu l-limitu ta' kapital maqbul b'mod komuni. Minkejja s-suċċess tiegħu anki fir-rigward tal-iżvelar qawwi u l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-oġjettiv ewlieni li terġa' titnissel il-fiduċja fis-settur bankarju Ewropew ma ntlafhaqx, minħabba li l-kriżi tad-dejn sovrani kompliet tinfirex f'aktar pajjiżi. Barra minn hekk, ħafna

banek tal-UE, speċjalment f'pajjiżi taħt stress, esperjenzaw sfidi sinifikanti ta' finanzjament. Wara l-indikazzjonijiet tal-Fond Monetarju Internazzjonali u tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, l-EBA pproponiet miżuri, bħala parti minn pakkett maqbul fil-livell Ewropew, bil-għan li ssaħħaħ il-livell ta' kapitalizzazzjoni tal-banek u tinkoraġġixxi ritorn għal kondizzjonijiet aktar rilassati fis-suq tal-finanzjament. Imbagħad ġiet approvata Rakkomandazzjoni formali, li kienet tesiġi li l-banek jiffurmaw riżerva ta' kapital sabiex ikunu jistgħu jilħqu koeffiċjent tal-kapitalizzazzjoni ta' 9% f'termini ta' kapital tal-ogħla kwalità (CT1), sal-aħħar ta' Ġunju 2012, wara valutazzjoni prudenti tal-esponiment tal-banek għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.

Fil-qasam tal-Protezzjoni tal-Konsumaturi, l-EBA ffokat il-ħidma tagħha l-aktar fuq l-ipoteki u forom oħrajn ta' self lill-konsumaturi u sfiħarrġet it-tfiħassib li jeżisti f'oqsma bħar-rwol tal-intermedjarji tal-kreditu, it-trasparenza u ċ-ċarezza tal-informazzjoni prekuntrattwali pprovduta lill-konsumaturi u l-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja.

Meta ġew stabbiliti t-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, inħoloq ukoll Kumitat Konġunt għall-kooperazzjoni regolari. Il-Kumitat Konġunt ta' spiss iddiskuta r-rapporti dwar il-valutazzjoni tar-riskji settorjali u trans-settorjali u l-għażliet ta' politika possibbli fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq. Dawn l-għażliet ta' politika kienu jaqgħu fl-oqsma tas-superviżjoni tal-konglomerati finanzjarji, il-kontabbiltà u l-awditjar, l-analiżi mikroprudenzjali tal-iżviluppi trans-settorjali, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet tas-sistema finanzjarja, miżuri intiżi għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-protezzjoni tal-konsumaturi. FI-2011, ġew ippreżentati l-ewwel rapporti konġunti dwar ir-riskju lil dawk li jfasslu l-politika Ewropea.

FI-aħħar nett, it-tiħiħ tal-Operazzjonijiet tal-EBA u t-titjib tal-kapaċitajiet istituzzjonali tagħha kellhom rwol kruċjali fl-ewwel sena tal-Awtorità. Matul l-2011, l-EBA għamlet progress sinifikanti sabiex iġġib il-ġestjoni finanzjarja u tar-riżorsi umani, il-proċessi ta' akkwist, l-infrastruttura tal-IT u l-attivajiet ta' komunikazzjoni tagħha konformi mar-rekwiżiti tar-Regolamenti tal-UE rilevanti u mal-aqwa Prattiki.

Kelmtejn qabel mill-President

Huwa unur kbir u privileġġ għalija li nippreżenta l-ewwel Rapport Annwali tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), li jiġbor fil-qosor l-attivitajiet imwettqa mill-Awtorità matul l-ewwel sena tal-eżistenza tagħha.

It-twaqqif tal-EBA fl-1 ta' Jannar 2011 ġab miegħu bidla kbira fl-istruttura istituzzjonali minħabba li din l-awtorità wiegħbet għal sejħa urġenti għal progress viżibbli lejn qafas regolatorju u superviżorju aktar integrat fl-Unjoni Ewropea (UE). Il-predeċessur tal-EBA, il-Kumitat tas-Superviżuri Bankarji Ewropej (KSBE), diġà għamel sforzi kbar sabiex tinkiseb aktar konverġenza, iżda l-mandat limitat tiegħu tellfu milli jħalli impatt notevoli fuq il-prattiki ta' kuljum tal-awtoritajiet nazzjonali. Tabilħaqq, wieħed min-nuqqasijiet kbar qabel it-twaqqif tal-EBA kien in-nuqqas ta' abbiltà tal-Kumitat li jiddeċiedi u jikkoordina l-azzjonijiet ta' politika fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-ħtieġa għal bidla sostanzjali lejn integrazzjoni akbar u aktar effettiva tas-swieq finanzjarji fl-UE saret saħnsitra aktar rilevanti bl-emerġenza u l-eskalazzjoni tal-kriżi fl-Ewropa.

Ir-Regolament li jstabbilixxi l-EBA inkariga lill-Awtorità b'firxa wiesgħa ta' kompiti minbarra dawk li wirtet mingħand il-KSBE, li fl-aħħar mill-aħħar kollha għandhom l-għan li jippriservaw l-istabbiltà finanzjarja u li jiżguraw il-fiduċja fis-sistema finanzjarja b'mod ġenerali, kif ukoll li jipprovdu biżżejjed protezzjoni għall-klijenti tas-servizzi finanzjarji.

Bdejna l-ħidma tagħna f'kondizzjonijiet diffiċli u negattivi mhux ħażin, tant li minnufih kellna niffaċċjaw għadd ta' sfidi ewlenin. Ma kienx faċli għalina li niffokaw fuq il-bini ta' organizzazzjoni ġdida waqt li fl-istess ħin nindirizzaw sfidi kbar għall-istabbiltà tas-settur bankarju. Il-persjoni tas-suq għal azzjoni kkoordinata sabiex terġa' titnissel il-fiduċja fir-reżiljenza tal-banek tal-UE kienet kontinwament għolja ħafna. L-ewwel sfida li sibna quddiemna kienet it-test tal-istress fl-Ewropa kollha, li twettaq b'mod koġunt mas-superviżuri nazzjonali bil-għan li tiġi vvalutata r-reżiljenza ta' kampjun kbir ta' 90 bank madwar 21 pajjiż kontra xenarju avvers iżda plawsibbli. Il-pubblikazzjoni tar-riżultati f'Lulju 2011 ipprovdiet lis-suq bi trasparenza u żvelar bla preċedenti - b'madwar 3 200 punt ta' dejta għal kull bank - b'hekk għenet biex ittaffi t-tħassib tal-investituri dwar l-esponiment tal-banek għar-riskji. It-test tal-istress wera li kien inċentiv b'saħħtu ħafna għall-banek involuti, minħabba li dawn għamlu sforzi konsiderevoli biex jevitaw li jaqgħu taħt il-valur referenzjarju stabbilit fl-eżerċizzju (proporzjon ta' Core Tier 1 – CT1 – għal assi stmati abbażi tar-riskju oġġla minn 5%) u żiedu s-CT1 totali tagħhom b'EUR 50 biljun matul l-ewwel erba' xhur tal-2011. It-test tal-istress tmexxa b'mod rigoruż ħafna, tant li kiseb riżultati konsistenti u l-implimentazzjoni tal-metodoloġija maqbula grazzi għal tliet sessjonijiet ta' reviżjoni tal-pari.

Madankollu, huwa ġust li nammettu li minħabba l-kriżi tad-dejn sovrani li qiegħda tiżvolġi fiż-żona tal-euro, it-test tal-istress naqas milli jerġa' jnissel il-fiduċja fir-reżiljenza tal-banek tal-UE. Il-kriżi finanzjarja daħlet f'fażi ġdida f'Awwissu, meta t-tħassib dejjem jikber dwar is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku f'xi pajjiżi fiż-żona tal-euro ġġenera tnaqqis kbir fl-attività tas-suq għal finanzjament bankarju fuq perjodu ta' żmien medju u twil. L-investituri bdew jivvalutaw is-saħħa tal-banek Ewropej fuq il-bażi tal-kwalità tal-kreditu tal-fond sovrani li jipprovdihom ix-xbieki tas-sigurtà tagħhom; il-pożizzjoni tal-kapital tal-banek tkejlet billi ġew ivvalutati l-esponimenti sovrani tagħhom fil-valur tas-suq, irrspettivament mill-ktieb tal-kontijiet fejn kienu jinsabu. Barra minn hekk, kienu sejrin jibdedw jinħassu l-effetti ta' feedback avvers: id-deterjorament tal-fondi sovrani kien qiegħed jixpruna skarsezza ta' fondi fil-banek, li kienet qiegħda tagħti bidu għal proċess ta' diżingranaġġ diżordinat li jista' jaffettwa l-prospetti tat-tkabbir, b'effetti avversi fuq il-pożizzjoni fiskali tal-fondi sovrani. B'reazzjoni wkoll għar-rakkomandazzjonijiet tal-Fond Monetarju Internazzjonali u tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku,

aħna pproponejna miżuri, bħala parti minn pakkett maqbul fil-livell Ewropew, bil-għan li nsaħħu l-livell ta' kapitalizzazzjoni tal-banek u ninkoraġġixxu ritorn għal kondizzjonijiet aktar rilassati fis-suq tal-finanzjament. Wara valutazzjoni prudenti tal-esponiment tal-banek għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, aħna approvajna Rakkomandazzjoni li kienet tesiġi li l-banek jiffurmaw riżerva ta' kapital sabiex ikunu jistgħu jilħqu koeffiċjent tal-kapitalizzazzjoni ta' 9% f'termini ta' kapital tal-ogħla kwalità (CT1), sal-aħħar ta' Ġunju 2012.

Fuq il-front regolatorju, l-EBA ngħatat rwol ċentrali sabiex tistabilixxi l-hekk imsejġha Ġabra Unika tar-Regoli Ewropej, sett komuni ta' regoli armonizzati b'mod sħiħ li sejrini ikunu vinkolanti u direttament infurzabbli fl-Istati Membri kollha tal-UE. Bil-kriżi li qiegħda tiżvolġi, il-proġett tal-Ġabra Unika tar-Regoli, li kien imniedi mill-Grupp Larosière, wera li kien saħansitra aktar vitali għat-tisħiħ u l-konsolidazzjoni tas-Suq Uniku. L-esperjenza fl-ewwel xhur tal-operazzjonijiet tal-EBA wriet li għad hemm differenzi sinifikanti ħafna li qiegħdin jikkarakterizzaw l-oqfsa regolatorji tal-pajjiżi tal-UE, li b'hekk qiegħdin iwasslu għal kondizzjonijiet mhux ekwi u frammentati. Il-qafas regolatorju ġdid għall-implimentazzjoni tar-riformi approvati mill-G20 qiegħed jipprovdi opportunità kbira biex nersqu lejn it-twaqqif tal-Ġabra Unika tar-Regoli. Skont il-proposta għal Direttiva u Regolament dwar ir-rekwiżiti tal-kapital – l-hekk imsejġha CRD4-CRR – issa bdejna bil-ħidma preparatorja biex nabbozzaw 'standards tekniċi vinkolanti' li sejrini jiddefinixxu u jispeċifikaw il-kontenut tal-leġiżlazzjoni Ewropea b'mod verament uniformi permezz ta' Regolament li huwa direttament applikabbli fis-Suq Uniku. Dan huwa kompitu kbir mhux ħażin, minħabba li fis-snin li ġejjin mistennija jiġu ffinalizzati aktar minn 100 standard tekniku vinkolanti. Sal-1 ta' Jannar 2013 għandhom jiġu ppubblikati madwar 40 standard. L-oġettivi l-aktar importanti ta' dan l-ewwel sett ta' standards huma li jiġu kkompletati l-aspetti tekniċi tad-definizzjoni ta' kapital u li jsiru l-arranġamenti għall-monitoraġġ tal-introduzzjoni tal-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità.

It-triq li għandna quddiemna xorta għadha waħda ta' sfida ħafna, iżda jien kunfidenti li nistgħu nibnu fuq il-kisbiet li kellna matul din l-ewwel sena ta' ħidma bil-għan li niksbu aktar progress. Sa mill-ewwel f'tit xhur ta' attività ħadna deċiżjonijiet f'oqsma fejn ma kien hemm ebda kunsens u tajna xhieda ta' approċċ verament Ewropew. Is-suċċess ma jiġix waħdu. Huwa jirrikjedi sforzi sostanzjali u r-rieda ta' ħafna persuni u istituzzjonijiet. Għaldaqstant, nixtieq nieħu din l-opportunità biex niringrazzja lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali kollha u lill-membri tal-Bord tas-Superviżuri tagħna għall-appoġġ kontinwu tagħhom, anki meta kellna nindirizzaw kwistjonijiet kontroversjali ħafna. Il-ħidma li żviluppajna fuq it-test tal-istress, fil-valutazzjonijiet tar-riskju regolari tagħna u fl-abbozzar ta' standards regolatorji u implimentattivi ma setgħetx tkun possibbli mingħajr il-kooperazzjoni u l-kontribut tal-esperti mill-awtoritajiet nazzjonali. Jien nemmen bis-sħiħ li t-tkomplija tas-suċċess tal-EBA u tal-qafas istituzzjonali ġdid tiddependi ħafna mill-abbiltà tagħna li naħdmu bħala 'sistema' flimkien mas-superviżuri nazzjonali.